32005D0863

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Diċembru 2005

li tiffissa l-kontribut finanzjarju tal-Komunità fl-infiq li sar għall-finijiet tal-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi Spanja fi tmiem l-2001 u fl-2002

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4627)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

(2005/863/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi:

(1) Xi każijiet tad-deni Afrikan tal-ħnieżer dehru fi Spanja fi tmiem l-2001 u fl-2002. It-tfaqqigħa ta' din il-marda kienet tippreżenta periklu gravi għall-merħliet Komunitarji.

(2) Bil-għan li tipprevjeni t-tifrix ta' l-organiżmu infettiv u li tgħin fil-qerda tal-marda mill-aktar fis possibbli, il-Komunità għandha tikkontribwixxi sehem finanzjarju fl-infiq eliġibbli li jkun għamel l-Istat Membru fil-kuntest tal-miżuri ta' urġenza kontra l-marda, fil-kundizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/494/KE tat-3 ta' Lulju 2003 dwar għajnuna finanzjarja tal-Komunità fil-kuntest tal-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi Spanja fi tmiem l-2001 u fl-2002 [2], Spanja ingħatalha kontribut finanzjarju tal-Komunità għall-infiq li sar fil-qafas tal-miżuri ta' urġenza meħuda fi tmiem l-2001 u fl-2002 kontra d-deni Afrikan tal-ħnieżer.

(4) F'konformità ma' din id-Deċiżjoni, kien sar l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 6 000 000 tal-kontribut finanzjarju.

(5) F'konformità ma' din l-istess Deċiżjoni, il-bilanċ tal-kontribut finanzjarju Komunitarju għandu jibbaża ruħu fuq it-talba mressqa minn Spanja fl-1 ta' Awwissu 2003, id-dokumenti dettaljati li jikkonfermaw iċ-ċifri indikati fit-talba u r-riżultati tal-kontrolli fil-post imwettqa mill-Kummissjoni.

(6) Fid-dawl tal-fatturi msemmija hawn fuq, jeħtieġ li issa jiġi ffissat l-ammont totali tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità fl-infiq li sar bil-għan li jinqered id-deni Afrikan tal-ħnieżer fi Spanja fi tmiem l-2001 u fl-2002.

(7) Ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni, f'dak li jirrigwarda r-rispett tar-regoli Komunitarji fi kwistjonijiet veterinarji u r-rekwiżiti għall-benefiċċju mill-kontribut finanzjarju tal-Komunità, ma jippermettux li t-totalità ta' l-infiq imressaq tiġi rikonoxxuta bħala eliġibbli.

(8) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-metodu tal-kalkolu ta' l-infiq eliġibbli ġew notifikati lill-awtoritajiet Spanjoli f'ittra li ġġib id-data l-14 ta' Settembru 2005.

(9) Il-miżuri li dwarhom tiddisponi din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-ammont totali ta' l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità fl-infiq li sar fil-kuntest tal-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi Spanja fi tmiem l-2001 u fl-2002, irregolat mid-deċiżjoni 2003/494/KE, huwa ffissat fil-livell ta' EUR 6 784 124,44.

Għaladarba d-Deċiżjoni 2003/494/KE kienet ippermettiet il-ħlas ta' l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 6 000 000, il-bilanċ ta' EUR 784 124,44 qed jitħallas lil Spanja.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/99/KE (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).

[2] ĠU L 169, 8.7.2003, p. 67.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, nhar it-2 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni